MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 853/2010

**Adrian James Abela, Stephen Borg u b`digriet tad-19 ta` Settembru 2013 l-atti gew trasfuzi fil-persuna ta` Marcelle Borg u Axel Borg wara l-mewt ta` Stephen Borg fil-mori tal-kawza, Frans Busuttil, Berry Cassar, Lawrence Cassar, Anthony Farrugia, Joseph Farrugia, Rennie Gili, Paul Grima, John Brincat, Victor Mizzi, Joseph Schembri, Raymond Schembri, Anthony Sevasta u Emanuel Spiteri**

***kontra***

**Awtorita` ghat-Trasport f`Malta**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors guramentat prezentat fis-<u>26 ta` Awwissu 2010</u> li jaqra hekk–

*1. ILLI l-esponenti huma rmiggjaturi li jwettqu d-dmirijiet taghhom fil-portijiet ta` pajjizna, u huma lkoll parti mill-Korp tal-Irmiggjaturi, u debitament licenzjati mal-Awtorita` konvenuta skont il-ligi u skont l-Avviz Legali 100/2010 ;*

*2. ILLI jirrizulta li terzi persuni qeghdin attwalment jigu permessi mill-Awtorita` konvenuta jwettqu servizzi ta` rmigg minghajr ma huma licenzjati skont il-ligi msemmija, u minghajr ma huma parti mill-Korp tal-Irmiggjaturi ;*

*3. ILLI dan il-fatt qed johloq pregudizzju fil-konfront tal-esponenti, stante tehid u tnaqqis mhux gustifikat ta` xoghol u konsegwentement ta` introjtu, kif ukoll stante li dawn it-terzi mhumiex addestrati u mharrgin sufficjentement sabiex iwettqu xoghol ta` rmiggar, bil-konsegwenza illi l-prezenza taghhom fil-port qed tkun ta` periklu kemm ghall-inkolumnita` taghhom, u kemm ghall-inkolumnita` ta` kull haddiem iehor fil-port li d-dmirijiet tieghu huma konnessi mas-servizzi ta` rmiggjar ;*

*4. ILLI b`zieda ma` dan, dan l-ghemil min-naha tal-Awtorita` konvenuta huwa llegali u kontra l-ligi, u ghalhekk ma ghandux ikun permess li jissokta ;*

*5. ILLI l-Awtorita` konvenuta qed tonqos mid-dmir taghha illi tipprovdi licenzji ta` rmiggjaturi sabiex irmiggjaturi godda jissostitwixxu lil dawk l-irmiggjaturi licenzjati li ma jkunux ghadhom jiffurmaw parti mill-Korp tal-Irmiggjaturi fost ragunijiet ohra billi jkunu rtiraw mix-xoghol bl-eta`, bil-hsieb illi l-esponenti ma jkunux fil-pozizzjoni li jwettqu d-dmirijiet taghhom minghajr dewmien*

*u efficjentement. B`konsegwenza ta` dan, in-numru ta` rmiggjaturi qed jonqos, u l-ebda rmiggjatur gdid ma huwa qed jiehu post l-irmiggjatur li jkun waqaf mix-xoghol. Ghalkemm l-esponenti xorta wahda qed jaqdu d-dmirijiet taghhom fil-pront u efficjentement, dan il-fatt xorta qed ikun ta` pregudizzju ghalihom ;*

*6. ILLI l-fatt li l-Awtorita` konvenuta qieghda tippermetti, direttament jew indirettament, lil terzi sabiex iwettqu xoghol ta` rmigg qed jirreka danni lill-atturi, stante telf ta` qligh u introjtu, kif ser jigi muri waqt it-trattazzjoni ta` din il-kawza ;*

*7. ILLI l-Awtorita` konvenuta giet interpellata permezz ta` protest gudizzjarju sabiex tirrimedja ghal dawn in-nuqqasijiet, izda baqghet inadempjenti ;*

*8. ILLI wkoll l-atturi ottenew il-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni bin-numru 1224/2010TM fil-konfront tal-Awtorita` konvenuta ;*

*9. ILLI ghalhekk qed issir din il-kawza.*

*GHALDAQSTANT l-esponenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*1. tiddeciedi u tiddikjara illi hadd ma jista` jwettaq xoghol jew servizz ta` rmiggjatur minghajr il-licenzja opportuna skont il-ligi u minghajr ma jkun parti mill-Korp tal-Irmiggjaturi ;*

*2. tiddeciedi u tiddikjara illi l-Awtorita` konvenuta qieghda tippermetti lil terzi sabiex iwettqu xoghol jew servizz ta` rmiggjatur minghajr id-debita licenzja mehtiega mil-ligi u minghajr ma jkun parti mill-Korp tal-Irmiggjaturi ;*

*3. tordna lill-Awtorita` konvenuta sabiex tiddezisti milli tkompli tippermetti lil terzi sabiex iwettqu xoghol jew servizz ta` rmiggjatur minghajr id-debita licenzja mehtiega mil-ligi u minghajr ma jkunu parti mill-Korp tal-Irmiggjaturi ;*

*4. tordna lill-Awtorita` konvenuta sabiex tiehu l-provvedimenti kollha opportuni u necessarji sabiex ix-xoghol jew servizz ta` rmiggjatur fil-portijiet ta` Malta jigi mwettaq esklussivament mill-membri formanti parti mill-Korp tal-Irmiggjaturi li huma debitament licenzjati ;*

*5. tiddeciedi u tiddikjara li l-atturi soffrew danni minhabba l-ghemil tal-Awtorita` konvenuta ;*

*6. tillikwida d-danni mgarrbin mill-atturi, occorrendo permezz ta` periti nominandi ;*

*7. tikkundanna lill-Awtorita` konvenuta thallas id-danni kif likwidati minnha,*

*U dan previa kull provvediment iehor li lilha jidhrilha xieraq u opportun.*

*Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-protest gudizzjarju bin-numru 87/2010, kontra l-Awtorita` konvenuta, li hija minn issa ngunta in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata prezentata fit-<u>28 ta` Settembru 2010</u> li taqra hekk –

***1. Eccezzjoni : Illi l-ewwel erba` talbiet ghandhom jigu michuda stante illi huma attentat sabiex l-Awtorita` tigi mwaqqfa milli tezercita l-poteri taghha skond il-ligi.***

*(i) Illi mhux kontestat illi kien hemm xi okkazjonijiet, ghalkemm mhux fuq bazi regolari, fejn l-awtorita` ppermettiet illi haddiema tal-port illi mhumiex licenzjati bhala rmiggjaturi jwettqu xoghlijiet li generalment isiru minn irmiggjaturi licenzjati.*

*(ii) Illi dan pero` gara biss f`cirkostanzi fejn in-numru ta` rmiggjaturi licenzjati disponibbli f`jum partikolari ma kinux bizzejjed biex ilahhaq mal-bzonnijiet tal-port. Kull meta tat tali permess l-Awtorita` eccipjenti ghamlet dan sabiex tassigura kemm l-efficjenza kif ukoll is-sigurta` fil-portijiet u l-ibhra Maltin ai termini tal-poteri u l-obbligi taghha, partikolarment taht l-artikoli 6(h), 6(j), 6(k), 8(e) u 8(j) tal-Att dwar l-Awtorita` Ghat-Trasport f`Malta [Kap. 499 tal-Ligijiet ta` Malta].*

*(iii) Illi l-Awtorita` mhux biss mhix qed tikser ir-Regolamenti kif qed jallegaw ir-rikorrenti izda qieghda tezercita l-obbligi moghtija lilha mil-ligi. Ghalhekk l-ewwel erba` talbiet huma nsostenibbli stante li huma mmirati sabiex ixekklu l-poteri tal-Ezekuttiv moghtija mil-ligi stess.*

***2. Eccezzjoni: Illi l-Awtorita` mhijiex responsabbli ghall-hlas ta` danni.***

*(i) Illi l-ebda danni ma huma dovuti ghaliex l-Awtorita` eccipjenti qieghda sempliciment twettaq l-obbligi taghha u tezercita l-poteri moghtija lilha mil-ligi.*

*(ii) Illi jidher li l-pretensjonijiet tar-rikorrenti ghall-hlas ta` danni huma msejsa fuq il-premessa zbaljata illi r-rikorrenti ghandhom xi "monopolju" kif kien il-kaz sas-sena l-ohra meta r-Regolamenti dwar Pilutagg u Rmigg kienu ghadhom jistabilixxu complement massimu ta` wiehed u ghoxrin [21] irmiggjatur. Dan in-numerus clausus gie sussegwentement abrogat bl-emendi ntrodotti bl-Avviz Legali 100 tal-2010.*

*(iii) Illi l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet tar-rikorrenti jridu jigu kkunsidrati wkoll fid-dawl tad-diskussjonijiet li qeghdin isiru bhalissa mal-istess irmiggjaturi fil-kuntest ta` riforma estensiva tal-prattici fil-portijiet li jridu jigu aggornati skont l-ezigenzi tar-realtajiet kummercjali marittimi ta` llum. Bir-rispett, jidher illi l-irmiggjaturi qed jippruvaw jirrezistu b`kull mezz ir-riformi illi qed jigu attwati, inkluz l-abolizzjoni tal-monopolju illi kien precedentement protett bil-ligi.*

*(iv) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma kontradittorji fis-sens illi filwaqt illi jallegaw illi qed isofru danni konsistenti f`telf ta` qligh u ntrojtu [ara paragrafu 6], huma jsostnu illi l-Awtorita` ghandha zzid in-numru ta` rmiggjaturi licenzjati [paragrafu 5] li fi kwalunkwe kaz iwassal biex jonqos l-introjtu tar-rikorrenti.*

*(v) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti ma sofrew ebda danni ghaliex qatt ma gew imwaqqfa milli jahdmu l-granet ta` xoghol taghhom u milli jithallsu skont is-servizz li jkunu taw.*

***3. Eccezzjoni: Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti jridu jindikaw u jippruvaw id-danni minnhom pretizi.***

*(i) Illi r-rikorrenti mhux biss jehtigilhom jippruvaw ir-responsabbilta` tal-eccipjenti ghal danni izda ghandhom iressqu prova tal-quantum tad-danni msemmija.*

***4. Illi, in vista tas-suespost, ghall-iskopijiet tal-Artiklu 158(3) tal-Kap 12 jigi dikjarat illi:***

*(i) Il-fatti dikjarati fil-paragrafi 1 u 8 tar-rikors guramentat mhumiex qed jigu kkontestati.*

*(ii) Il-bqija tal-fatti dikjarati mill-atturi qed jigu kkontestati u jehtieg illi jigu ppruvati.*

***5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi bil-ligi.***

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-awtorita` konvenuta.

Semghet ix-xiehda tal-attur Joseph Farrugia fl-udjenza tas-7 ta` Frar 2011 u rat id-dokumenti li kienu prezentati fl-istess udjenza.

Rat in-nota prezentata mill-atturi fil-15 ta` April 2011, bi prospett tad-danni pretizi minnhom u dokumenti gustifikattivi.

Semghet ix-xiehda tal-atturi Stephen Borg, Rennie Gili u Lawrence Cassar fl-udjenza tad-19 ta` April 2011.

Semghet ix-xiehda ta` Anthony Caruana, bhala rapprezentant tal-Awtorita` konvenuta, fl-udjenza tat-23 ta` Jannar 2012.

Rat in-nota prezentata mill-atturi fit-3 ta` Frar 2012, b`kopja tal-atti tar-rikors b`talba ghall-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni nru 1224 tal-2010.

Semghet ix-xiehda tal-Kaptan David Bugeja fl-udjenza tad-29 ta` Marzu 2012.

Rat in-nota prezentata mill-Awtorita` konvenuta fis-16 ta` April 2012 flimkien ma` kopja tal-Avviz Legali 100 tal-2011.

Semghet il-kontroezami tal-Kaptan David Bugeja fl-udjenza tas-16 ta` Ottubru 2012.

Rat illi l-gbir tal-provi kien konkluz fl-udjenza tas-16 ta` Ottubru 2012.

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet li l-atturi pprezentaw fit-12 ta` Dicembru 2012.

Rat in-nota ta` osservazzjonijiet responsiva li l-Awtorita` konvenuta pprezentat fl-4 ta` Marzu 2013.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar li ghamlu d-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-2 ta` Mejju 2013.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

## II. <u>Provi</u>

**<u>Joseph Farrugia</u>** xehed illi kienu ilu kwazi ghoxrin sena jaghmel ix-xoghol ta` rmiggjatur. Meta jkun xoghol, del resto kif meta jkunu shabu xoghol, huwa jzomm kuntatt mal-Valletta Port Control u mal-Marsaxlokk Port Control u jiehu l-ordnijiet minghandhom. Abbazi tax-xoghol li jidhol, dan jitqassam mal-irmiggjaturi l-ohra. Huma jkunu nfurmati siegha qabel vapur ikun ser jidhol fil-port. Sal-2007, l-irmiggjaturi kienu jassistu lill-pilota billi jsuqu l-lanec, u jiehdu hsieb il-lanec tal-piloti wkoll. Wara l-2007, dawn il-lanec gew assenjati lill-koperattiva tal-piloti. Ix-xoghol tal-irmiggjatur huwa limitat ghall-moll. Ix-xoghol tieghu huwa li jholl u jorbot l-hbula tal-bastimenti, kif ukoll xi xoghol tal-bahar.

Ix-xhud fisser illi l-avviz legali li kien hareg fl-1 ta` Jannar 1976 baqa` fis-sehh sakemm hareg l-Avviz Legali 45 tal-2007. L-avviz legali precedenti kien ighid illi x-xoghol tal-lanec kien isir mill-irmiggjaturi billi jassistu lill-piloti u lill-vapuri bil-hbula taghhom. Fl-2003 l-Awtorita` konvenuta ghamlet ftehim mal-piloti biex dawn jiffurmaw koperattiva bil-konsegwenza illi saret qasma bejn il-koperattiva tal-piloti u l-irmiggjaturi. Fl-2007 ix-xoghol tal-lanec ghadda ghand il-piloti. Minhabba dan l-irmiggjaturi tilfu parti mix-xoghol taghhom, u tilfu wkoll ix-xoghol ghall-assistenza lill-piloti meta kienu jitilghu abbord. Il-piloti nkarikaw nies maghhom ghal dan tal-ahhar. Wara Lulju 2007, ix-xoghol ta` irmiggjaturi baqa` limitat biss ghall-attrakk tal-vapuri fis-sens illi l-vapur inizzel il-hbula u l-irmiggjaturi jorbtu.

Kompla jixhed illi l-irmiggjaturi jahdmu ghal rashom pero` ghall-finijiet ta` bolla u taxxa jitqiesu bhala impjegati. Sabiex persuna tkun tista` tahdem bhala rmiggjatur, irid

ikollha licenzja. Il-kwalifika tigi wara kors fl-MCAST. Wara jkun irid izomm ruhu aggornati mal-kwalifiki. Meta johorgu avvizi ghall-post ta` irmiggjatur, min ikollu l-kwalifiki huwa intitolat japplika. Min jintghazel, jigi ngaggat mill-Awtorita` u wara sitt xhur prova jinghata l-licenzja.
Jezistu regoli li jekk l-irmiggjatur ma jharishomx, jirriskja jitlef il-licenzja. Jekk jibqa` in regola, il-licenzja tibqa` ssejjah lill-persuna koncernata sal-eta` tal-irtirar ghaliex il-licenzja mhijiex trasferibbli lill-ulied. Kien hemm sittax-il irmiggjatur. Meta kienu kostitwiti bhala kategorija, kien b`kollox wiehed u ghoxrin. Wara l-2008, tnehha n-*numerus clausus* pero` n-numru ta` rmiggjaturi baqa` jonqos ghaliex min irtira ma kienx sostitwit.

Sostna illi kultant ikun hemm xoghol li l-full compliment tal-irmiggjaturi jlahhqu mieghu pero` gieli jinqalghu sitwazzjonijiet fejn jinqala` hafna xoghol u n-numru attwali ma jkunx bizzejjed. Ighid illi f`okkazjoni minnhom kien hemm xoghol kemm il-Port il-Kbir kif ukoll Marsaxlokk u sabu li kien hemm nies mhux awtorizzati li ghamlu arrangamenti mal-kaptan tal-port sabiex il-pilota iholl il-bastiment hu. Bhal dan l-incident kien hemm ohrajn ; x`hin talbu l-flus, l-agent tal-vapur ikkontesta u ma hallasx. Dawn it-tip ta` incidenti graw meta l-irmiggjaturi kienu maghfusa bix-xoghol. It-tort kollu ghal din is-sitwazzjoni kien tal-Awtorita` konvenuta li ma kenitx qeghda tosserva r-regolamenti u ma tappuntax numru akbar ta` rmiggjaturi.

Spjega illi x-xoghol tieghu ta` irmiggjatur huwa regolat bil-Pilotage and Mooring Regulations ; dawk vigenti sar fl-2010. L-irmiggjatur jithallas billi jaghmel kont jew chit ghal kull vapur li jahdem. Ic-chit tintbaghat lill-Awtorita` konvenuta li tohrog invoice lill-agent tal-valur koncernat. L-agent ihallas lill-Awtorita` konvenuta, u kull l-ahhar tax-xahar, l-irmiggjaturi jircievu dokument tal-hlasijiet. Id-dokument ma jkunx dettaljat, izda jkollu l-gross tal-vapuri, t-transport charges u l-extra duties. Ic-chit titpogga mal-kontijiet ta` l-irmiggjaturi, imbaghad l-

irmiggjatur l-ewlieni jhallas lill-irmiggjaturi skond kemm hadmu. Ghalhekk l-introjtu tal-kategorija taghhom mhuwiex fiss. Fic-chit jitnizzel l-isem il-vapur, d-data, il-hin tal-hrug, il-hin li marru mieghu l-irmiggjaturi sakemm spiccaw, il-firma ta` erba` irmiggjaturi u xi xoghol extra li jkun sar. L-introjtu taghhom ivarja skond in-natura tax-xoghol.

Qal illi peress li nies mhux licenzjati kienu qeghdin jaghmlu x-xoghol taghhom, kien qed jigri li l-licenzja ma kenitx tiswa aktar. L-irmiggjaturi jkun dejjem standby erbgha u ghoxrin siegha kuljum. Meta x-xoghol jaghmluh in-nies mhux awtorizzati, l-irmiggjaturi xorta baghtu l-invoice taghhom izda l-agenti tal-vapuri kkontestawha ma` l-Awtorita` konvenuta u ma hallsux. Sitta kienu l-okkazjonijiet fejn hekk gara.

Fil-**kontroezami**, ix-xhud fisser illi fil-bicca l-kbira tal-kazi, il-korp ta` irmiggjaturi jkun f`qaghda li jaghmel u jkopri x-xoghol kollu li jinqala`. Jigu hinijiet ta` stennija ghall-bastimenti. Meta ma jkunux jistghu jassistu lill-bastiment immedjatament, dan ikollu jibqa` jistenna lill-irmiggjaturi. Meta jinqabdu b`xoghol u jkun ser jithalla bastiment jistenna, huma jkellmu lid-duty officer. Dan ikun ufficjal tal-port, li jigi nfurmat bix-xoghol kollu li jkollhom l-irmiggjaturi. Dan l-ufficjal jaghti prijorita` lill-vapur fis-sens li jekk vapur ghandu prijorita` fuq l-iehor, l-ewwel isir ix-xoghol fuq l-ewwel vapur li ghandu prijorita` u mbaghad isir xoghol fuq il-vapur l-iehor. Ikkonferma li kien hu l-irmiggjatur ewlieni li jaghti l-ordnijiet. Bhala parti mix-xoghol tieghu mhux biss izomm kuntatt mal-Valletta u Marsaxlokk Port Control izda meta jinqala` l-bzonn, izomm kuntatt mal-harbour master jekk ikunu office hours, inkella mad- duty officer. Il-Kaptan David Bugeja huwa l-harbour master fi hdan l-Awtorita` konvenuta u huwa responsabbli ghall-portijiet.

**Stephen Borg** xehed illi huwa kien ilu erbatax-il sena rmiggjatur. Dwar il-kazi fejn saru l-ilmenti li wasslu

ghal din il-kawza, huwa spjega illi huwa kien involut f`incident partikolari meta l-vapur *Brilliance of the Seas* gie biex jittrakka. Intrabat nofsu mill-pilot boat u nofsu minn tat-terminal. L-irmiggjaturi baqghu ma thallsux. Il-Valletta Port kienet taf li kien se jidhol il-bastiment u kellha tinforma lill-irmiggjaturi bil-wasla ta` dak il-bastiment pero` naqset milli taghmel hekk bil-konsegwenza li l-irmiggjaturi baqghu l-Freeport. Kien cempillu l-pilota ghax ma ma kienx rah bhas-soltu. Kif huma saru jafu, marru mill-ewwel izda sakemm waslu l-Port il-Kbir, il-bastiment kien diga` marbut.

Xehed illi l-irmiggjatur jorbot ic-cimi tal-vapur u l-pilota jitla` fuq il-vapur zewg mili `l barra mill-entratura tal-port biex jiggwida l-kaptan fejn ikun ha jorbot u jaghmel il-manuvra. Solitament l-irmiggjaturi jircievu telefonata siegha qabel ma jkun diehel il-vapur, sabiex ikunu standby fuq il-moll jistennew il-vapur diehel. Ikkonferma li sal-2007, l-irmiggjaturi kienu jahdmu l-lanec tal-piloti, jigifieri jiehdu hsieb il-lanca, kemm ghal dik li hija inginerija mekkanika kif ukoll isuqu l-lanca. L-irmiggjaturi kienu johorgu mal-pilota sal-vapur zewg mili `l barra. Fil-lanca kienu jiehdu c-cimi bil-bahar. Wara l-2007, dak ix-xoghol inghata lill-piloti. L-irmiggjaturi kienu talbu lill-Awtorita` konvenuta biex izommu dak ix-xoghol ukoll izda l-Awtorita` rrifjutat.

Fil-**<u>kontro-ezami</u>** ix-xhud stqarr illi fil-kaz tal-incident tal-*Brilliance of the Seas*, Emanuel Spiteri kien l-irmiggjatur ta` l-ghassa. Bhala regola, l-irmiggjatur ta` l-ghassa jinforma lil Valletta Port li huwa jkun ta` l-ghassa u jghaddilhom in-numru tat-telefon fejn ikunu jistghu jaghmlu kuntatt mieghu. Ikun hemm ukoll sostitut biex fil-kaz illi l-irmiggjatur tal-ghassa ma jinstabx, ikun hemm iehor li jkun jista` jigi kontattat. Meta nqala` l-kaz tal-*Brilliance of the Seas* huma kienu qeghdin jaghmlu xoghol il-Freeport.

Fir-**riezami**, ix-xhud ippreciza illi dak illi l-atturi qeghdin jirreklamaw bhala telf ta` qliegh jew ta` telf ta` xoghol huwa l-hlas li l-agenti tal-vapuri hallsu lil haddiehor. Il-persuni mhux awtorizzati thallsu r-rati li bihom jithallsu l-irmiggjaturi. Kien l-agent stess li nfurmahom li huwa kien hallas lil min effettivament rabat il-vapur.

**Rennie Gili** xehed illi huwa ilu tliet snin jahdem bhala irmiggjatur. Kellu tmien snin esperjenza jahdem fuq il-bahar. U ntghazel bhala irmiggjatur wara ghadd ta` interviews. Huwa kellu licenzja ta` rmiggjatur.

Dwar il-kazi ta` bastimenti li jidhlu l-port u jintrabtu minn persuni mhux licenzjati bhala rmiggjaturi, huwa xehed illi huwa u l-kollegi tieghu kienu shift ta` bil-lejl. Kienu qed jahdmu mal-vapur *Bonito* li huwa *motor tanker* li kien kollu *heavy cane wires*. Minflok ic-cimi soliti, kellhom jintuzaw cimi tal-azzar u ghalhekk kien se jiehu aktar hin. Il-bastiment kellu tliet lanec jimbuttaw fuqu. Ghal xi raguni, il-pilot on duty tella` pilot iehor ghax il-Freeport riedu jehilsu vapur tas-CMA u riedu prijoriota` fis-servizz. Fil-kaz tal-*Bonito* kienu nvoluti l-irmiggjaturi kollha. Ghal xi raguni, fuq il-vapur li kien il-Freeport tellghu n-nies tal-lanca u nqalghu t-tugboats minn fuq it-tanker fejn kienu qed jahdmu l-irmiggjaturi (haga li mhux suppost saret sakemm jitlesta x-xoghol taghhom) filwaqt li t-tugboats ntbghatu fuq il-bastiment fil-Freeport ; in segwitu l-bastiment tal-Freeport gie maqlugh min-nies li jsuqu l-lanca li kellu l-pilot abbord. Minhabba f`dan kollu, il-bastiment tal-Freeport kien marbut minn nies mhux awtorizzati. Sostna li suppost kellhom jistennew sakemm jitlesta ix-xoghol fuq it-tanker u mbaghad t-tugboats jingaggaw ruhhom minn mal-vapur u jmorru fuq il-vapur l-iehor. Insista illi mhux suppost li waqt li jkun ghaddej ix-xoghol ta` l-irmiggjaturi, il-lanec jinqalghu minn mal-bastiment liema lanec jkunu qed jimbuttaw biex izommu l-bastiment mal-moll. F`dak il-kaz, il-manuvra kienet perikoluza ghaliex ic-cima kienet maghmula minn *steel cable.*.

Fuq domanda tal-Qorti, ix-xhud spjega li jigru sitwazzjonijiet rari fejn jekk l-irmiggjaturi jinqabdu b`xi xoghol, u jkun hemm xi vapur iehor, l-irmiggjaturi, li jkunu bil-leave jew mhux xoghol, jigu nfurmati biex jidhlu x-xoghol, bi preavviz ta` siegha qabel il-vapur ikun diehel il-port. Ikkonferma illi ma hemmx *relief parties*. In-numru ta` rmiggjaturi li jkunu mehtiega jiddependi mill-volum ta` xoghol. Kien hemm sitwazzjonijiet fejn minhabba *shortage of manpower* vapur ikollu jistenna qabel jintrabat ghaliex ikollu jintrabat l-ewwel dak il-vapur li jkollu prirjorita`. Fil-kaz tal-incident tal-*Bonito* il-persuni li rabtu l-bastiment ma kellhomx il-licenzja ta` irmiggjaturi. Xehed illi l-irmiggjaturi ma thallsux tax-xoghol tal-irmigg li sar minn persuni mhux licenzjati ghax-xoghol mal-bastiment li dahal il-Freeport.

Ix-xhud fisser illi l-preavviz ta` siegha jinghata mill-Valletta Port maghruf ukoll bhala *t-turretta.* Saru zbalji mit-turretta bhal fil-kaz ta` meta dahal il-bastiment *Euro Ferry* u t-turretta ma avzatx lill-irmiggjaturi bil-konsegwenza illi l-bastiment spicca minghajr ebda rmiggjatur jistennieh. L-ordni mit-turretta tinghata bil-VHF.

**<u>Lawrence Cassar</u>** xehed illi huwa kien ilu tliet snin jahdem bhala irmiggjatur. Qabel kien impjegat bhala *master* fuq bastimenti merkantili vapuri lokali sa hamest elef (5,000) tunnellata. Meta sar hu rmiggjatur, lill-irmiggjaturi tnehhewlhom il-lanec. Ikkonferma li t-turretta kienet tavza lill-irmiggajturi siegha qabel jidhol il-vapur il-port. Fis-7 ta` Marzu 2011, huwa kien qed jiehu hsieb l-irbit tal-vapur *Eyes Point*. Mit-turretta cemplulu biex jaraw ghalfejn hu ma kienx fil-post biex jorbot bastiment iehor bl-isem *Challenger*. Qalilhom li hadd ma kien infurmah b`dak il-bastiment. It-turretta kienet responsabilita` tal-Awtorita` konvenuta. Ikkonferma li ma kinux thallsu ta` l-irbit tac-*Challenger* ghax dan spicca intrabat mill-pilot.

**Anthony Caruana** – Operations Manager tal-Awtorita` konvenuta – xehed illi d-dmirijiet tieghu kienu jinkludu l-monitoragg tal-koncessjonijiet sabiex jassikura li obbligazzjonijiet kontrattwali kienu qed jigu osservati. Kien jiehu hsieb ukoll il-mollijiet li kien ghad fadal taht it-tmexxija ta` l-Awtorita. Fl-2009 huwa kien segretarju tal-Bord tal-Pilutagg u ta` l-Irmigg ; ghalhekk hafna mid-doveri tieghu kienu marbutin ma` x-xoghol tal-piloti u l-irmiggjaturi. Wara l-2003, il-piloti kienu ghamlu koperattiva.

Xehed illi l-irmiggjatur jahdem taht id-direzzjoni tal-pilota biex iqieghed ic-cimi fejn jindika l-pilota jindika u b`hekk ikun hemm aktar sigurta` fuq il-moll. L-irmiggjatur gieli kien ikun fuq il-lanca tal-pilota, jersaq lejn il-moll, jinzel huwa waqt li jnewwel ic-cima lill-kollega tieghu fuq l-art u sussegwentement jorbot. Dan ix-xoghol tal-irbit tac-cimi minn fuq il-bahar beda jsir mill-piloti.

Stqarr illi l-ftit incidenti li sehhew u li huma mertu ta` din il-kawza kienu kazijiet eccezzjonali ghax normalment ix-xoghol isir mill-irmiggjatur. Meta ma jkunx hemm bizzejejd nies biex jaghmlu dak ix-xoghol, il-kaptan tal-port jista` jiehu decizjoni u fil-kapacita` tieghu ta` *master mariner* u kaptan tal-port li dak ix-xoghol partikolari jsir mit-terminal stess. Muri d-dokumenti a fol 79, huwa spjega li dawn l-accounts jkunu nhadmu minn kollega tieghu. Muri mbaghad dokument MS 1, huwa kkonferma li dak huwa statement tal-flus dovuti mill-vapur *Bonito* lill-Awtorita` ghal servizz ta` irmiggjatur. Fl-istatement hemm imnizzel dak li huwa dovut bhala parenza, li saret bil-lejl, is-social security contributions, l-extra mooring men u t-transport charges. Muri d-dokument MS 2, Cassar spjega li dan huwa certifikat ta` servizz li jkun ghamel l-irmiggjatur lill-vapur u jkun evidenza tax-xoghol li jkun sar. Huwa kkonferma li l-irmiggjaturi jaghmlu dan id-dokument sabiex jithallsu, liema dokument jigi mghoddi lill-iskrivan ta` l-irmiggjaturi. L-iskrivan jaccerta ruhu li kollox huwa sewwa u mbaghad jghaddi kollox lill-ufficcju ta` l-Awtorita`

konvenuta sabiex din tkun tohrog il-kont lill-agent tal-vapur. In segwitu johrog dokument bhal MS1.

Dwar Dok MS1 u MS2, ix-xhud ma setax ighid jekk l-irmiggjaturi kienux thallsu u lanqas jekk ix-xoghol tal-irbit tal-bastimenti in kwistjoni sarx mill- irmiggjaturi jew minn haddiehor.

**Kaptan David Bugeja** – Chief Officer – Ports and Yachting Directorate – Transport Malta – u Harbour Master – xehed illi huwa kien ilu jahdem ghaxar snin mal-Awtorita` konvenuta. Fil-bidu huwa kien deputy harbour master, imbaghad sar harbour master tal-port ta` Marsaxlokk u wara sar harbour master fl-organizzazzjoni l-gdida. Il-harbour master ghandu r-responsabbilita` tas-sigurta` u l-efficjenza tal-port. Il-kompitu ta` l-irmiggjatur huwa li jghin fl-irbit ta` bastiment mal-moll. Malli l-vapur ikun trakka mal-moll, mill-vapur jinzlu c-cimi biex l-irmiggjaturi jorbtu mal-moll. L-irmiggjaturi jiehdu c-cimi u jghadduhom fuq il-bollards biex imbaghad il-vapur jigbed bil-makkinarju tieghu, jaghmilhom issikkati u b` hekk il-vapur ikun marbut kif suppost. Meta l-vapur jkun ser jitlaq, l-irmiggjaturi jaqilghu c-cimi. L-irmiggjaturi jkunu on call skond il-htiega tax-xoghol.

Xehed illi huwa konxju li kien hemm kazi fejn l-irbit tac-cimi ma sarx mill-irmiggjaturi. Kien hemm pero` cirkostanzi partikolari fejn kien hemm tankers fil-port li kienu fuq deadline importanti ta` sailing minhabba esigenzi ta` chartering. Kien hemm cirkostanzi fejn fil-port kellhom isiru manuvri urgenti minhabba kongestjoni u efficjenza. Kien hemm cirkostanzi fejn il-vapur kien lest biex jitlaq bil-kaptan f`postu, bil-magni startjati, bil-pilot abbord u bil-lanec ta` l-irmonk maqbuda. Kienu cirkostanzi partikolari fejn ix-xoghol kien lest biex jinbeda izda l-irmiggjaturi ma kinux fuq il-post tax-xoghol u ghalhekk huwa awtorizza nies ohra biex ihollu c-cimi halli l-vapur isalpa fiz-zmien ippjanat. Kienu dawn cirkostanzi eccezzjonali ; ghalhekk kellha tittiehed dik id-decizjoni.

Ikkonferma li bhala regola x-xoghol suppost li sar mill-irmiggjaturi, izda l-Awtorita` kellha d-diskrezzjoni li f`cirkostanzi bhal dawk tiehu decizjonijiet bhal dawk. Din id-diskrezzjoni tohrog mil-ligi stess.

Sostna li minn dak iz-zmien `il hawn is-servizz tal-irmigg gie liberalizzat ; fil-fatt kull terminal ghandu dritt li jaghmel u joffri dan is-servizz bin-nies tieghu jew alternattivament jidhol f`kuntratt ma` terzi biex jaghtuh dak is-servizz. Fis-sitwazzjoni prezenti, hemm terminals li ghazlu li juzaw l-impjegati taghhom biex joffru s-servizz, u ohrajn li baqghu jaghmlu uzu mis-servizz tal-irmiggjaturi bhall-atturi.

Fil-**kontroezami**, il-Kaptan Bugeja spjega li gieli kien hemm cirkostanzi fejn peress li kien ikun difficli li c-cimi jinghataw fuq il-moll, dawn ic-cimi kienu jitwasslu sa fuq il-moll bl-uzu tal-lanca jew tal-pilota. Qabel l-2003, l-irmiggjaturi u l-piloti kienu korp wiehed u ghalhekk l-irmiggjaturi kienu jaghmlu wkoll ix-xoghol ta` *engine driver* fuq pilot boat u li jwasslu c-cima sal-moll. Wara r-riforma tal-pilots tal-2004, il-piloti saru koperattiva u minn dik id-data, ix-xoghol tal-pilot launch beda jsir mill-piloti biss. Id-dokument a fol 99 huwa tas-sistema kif kienet qabel ir-riforma. Wara r-riforma ma baqax isir `*mooring by boat*`.

Ix-xhud ikkonferma li l-irmiggjaturi kienu korp ta` wiehed u ghoxrin ragel. Illum in-numru taghhom nizel. In-numru ma zdiedx ghaliex kienet anticipata li ssir riforma li tikkomplimenta l-grupp tal-irmiggjaturi. Hija l-Awtorita` li tista` tingagga irmiggjaturi. L-irmiggjaturi ma jistghu jaghmlu xejn biex jissupplixxu ghan-nuqqas ta` nies li hemm fuq il-korp. Ikkonferma li kien hemm cirkostanzi fejn nies li ma kinux irmiggjaturi hallew jew rabtu cimi ta` vapuri. Huwa l-port li jiddeciedi l-prijoritajiet skond l-ezigenzi tal-mument u l-ordnijiet tan-nies tax-xatt. Spjega li cruise liner jew vapur tal-passiggieri jiehdu precedenza fuq vapuri tat-tghabbija ; vapuri tal-containers li jkunu fuq linja skedata jkollhom prijorita` fuq tankers li ma jkunux

daqstant regolari fil-port taghna. Ix-xoghol tal-Freeport b`mod generali jiehu precedenza fuq xi xoghol iehor li jkun ha jsir go Marsaxlokk peress li l-bqija tax-xoghol li jkun hemm Marsaxlokk ikun ta` tankers. Qal li jista` jkun hemm sitwazzjonijiet fejn l-irmiggjaturi jintbaghtu fuq xoghol partikolari ta` vapur li jkun ta` indikazzjoni ta` urgenza u mbaghad ihassar l-ordni.

Il-Kaptan Bugeja spjega li VTS tfisser *vessel traffic services*. Dan huwa servizz li jaghti l-port u s-setup li ghandu l-port biex b`mod generali jaghti informazzjoni u jimmaniggja l-manuvri fil-port ; dan is-servizz jitmexxa mill-Awtorita`. Kien hemm cirkostanzi fejn il-persuna li tkun on duty ghal xi raguni ma tavzax lill-irmiggjaturi li jkun ta` l-ghassa bil-wasla ta' bastiment. Jista` jkun li fl-incidenti tal-*Costa Pacifica*, *Challenger* u *Brilliance of the Seas*, sar zball mill-persuna fil-VTS. Dawn it-tip ta` zbalji huma fil-minoranza meta tqis li kull sena jkun hemm madwar disat elef *movement* barra l-port u fil-port. Il-VTS tircievi l-ordni u hi tikkomunika mal-piloti u ma` l-irmiggjaturi. Il-piloti jkunu l-hin kollu f`kuntatt mal-irmiggjaturi. Ikkonferma li l-kont jintbaghat lill-agent tal-vapur ghas-servizzi li jircievi. Jekk l-irmiggjaturi ma jkunux taw is-servizz, l-invoice ma tmurx ghand l-agent.

**Ikkunsidrat :**

## III. Risultanzi

### 1) Generali

Fil-kawza tal-lum, l-atturi qeghdin jilmentaw illi fis-sitt kazi li ndikaw l-Awtorita` konvenuta awtorizzat persuni mhux licenzjati biex jaghmlu xoghol ta` irmiggjaturi meta dak il-kwalita` ta` xoghol kellu jsir biss minn persuni licenzjati. B`hekk, skond l-atturi, l-ghemil tal-Awtorita`

kien kontra l-ligi u ma kellux jithalla jsir. Ilmentaw ukoll illi l-Awtorita` konvenuta kienet qeghda tonqos mid-dmirijiet taghha ghaliex ma kenitx qeghda tohrog licenzji ta` irmiggjaturi bil-konsegwenza li ma kienx qed ikun hemm irmiggjaturi godda licenzjati biex jissostitwixxu lil dawk li ghal xi raguni jew ohra ma jkunux ghadhom jaghmlu parti mill-Korp ta` l-Irmiggjaturi. Ma jidhirx ikkontestat bhala fatt illi tassew kien hemm xi kazi ghalkemm sporadici fejn l-Awtorita` konvenuta - tramite l-ufficjali taghha - hadet decizjonijiet fis-sens li x-xoghol ta` l-irmigg isir minn persuni mhux licenzjati bhala irmiggjaturi. Madanakollu, skond l-Awtorita`, dawn il-kaz kienu cirkoskritti fin-numru u sehhew biss f`cirkostanzi fejn in-numru ta` rmiggjaturi licenzjati disponibbli f`jum partikolari ma kienx bizzejjed biex ilahhaq mal-bzonnijiet tal-port.

**2) L-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba` talbiet attrici**

Fil-kuntest u ghall-fini tal-ewwel erba` talbiet attrici, il-Qorti ghamlet analizi attenta tad-dritt, u cioe` qieset il-ligijiet (inkluzi r-regolamenti) li kienu fis-sehh fid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat u cioe` fis-**26 ta` Awissu 2010**, u dawk vigenti llum. In partikolari tghid li rrizulta li –

1) Fl-**1 ta` Jannar 2010** dahal fis-sehh l-**Avviz Legali 100 tal-2010** u cioe` ir-Regolamenti tal-2010 dwar is-Servizzi ta` Rmigg.

2) Fl-**1 ta` April 2011** dahal fis-sehh l-**Avviz Legali 100 tal-2011** u cioe` r-Regolamenti tal-2011 dwar Servizzi ta` Rmigg. Bis-sahha tar-Reg 17, kienu revokati r-Regolamenti tal-2010 dwar is-Servizzi ta` Rmiġġ b`dan illi skond ir-Reg 18 - *kull obbligazzjoni, responsabbiltà, penali jew piena imposti taħt ir-Regolamenti tal-2010 dwar is-Servizzi ta' Rmiġġ, jew li jirreferixxu għal ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dawk ir-regolamenti, jew proċedimenti jew rimedji dwar xi obbligazzjoni, responsabbiltà, penali jew piena bħal dawk, m'għandhomx ikunu preġudikati b'din ir-revoka*.

3) Fl-**<u>1 ta` Awissu 2012</u>** dahal fis-sehh l-**<u>Avviz Legali 253 tal-2012</u>** cioe` r-Regolamenti tal-2012 dwar Servizzi ta` Rmigg. Bis-sahha tar-Reg 36(1), kienu revokati r-Regolamenti tal-2011 dwar is-Servizzi ta` Rmigg. Imbaghad bis-sahha tar-Reg 36(2), *kull obbligazzjoni, responsabbiltà, penali jew piena imposti taħt ir-Regolamenti tal-2010 dwar is-Servizzi ta' Rmiġġ, jew li jirreferixxu għal ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dawk ir-regolamenti, jew proċedimenti jew rimedji dwar xi obbligazzjoni, responsabbiltà, penali jew piena bħal dawk, m'għandhomx ikunu preġudikati b'din ir-revoka.*

L-ewwel erba` talbiet attrici jitilqu mill-premessa illi dak li kien l-istat tad-dritt fid-data tal-presentata tar-rikors guramentat huwa l-istess bhal huwa llum.

Mhux hekk jirrizulta li huwa l-kaz llum.

Fl-**<u>A.L. 100 tal-2010</u>**, "*irmiġġatur*" kien definit bhala "*persuna li jkollha liċenza skond id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti sabiex tipprovdi servizzi ta' rmiġġ*".

Fl-**<u>A.L. 100 tal-2011</u>**, tnehha r-rekwizit tal-licenzja ; infatti "*irmiġġatur*" kien definit bhala "*persuna awtorizzata minn operatur ta' terminal sabiex jipprovdi servizz ta' rmiġġ*".

Fl-**<u>A.L. 253 tal-2012</u>**, rega` kien hemm bdil fis-sens illi apparti "*irmiggjatur*" dahlet il-figura ta` "*irmiggjatur licenzjat*". "*Irmiġġjatur*" huwa *persuna liċenzjata jew li hija mqabbda minn operatur ta' terminal, skont il-każ, skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, sabiex tipprovdi servizz ta' rmiġġ*". Waqt li "*irmiġġatur liċenzjat*" huwa "*persuna li jkollha liċenza maħruġa mill-Awtorità skont ir-regolament 5 sabiex tipprovdi servizz ta' rmiġġ*"

Dan il-kambjament fil-legislazzjoni jbiddel ghal kollox il-posizzjoni tal-atturi certament fir-rigward tal-ewwel erba` talbiet.

Skond l-A.L. 100 tal-2010, il-ligi riedet illi s-servizzi ta` rmigg isiru minn persuni licenzjati bhala rmiggjaturi.

Il-posizzjoni tal-Awtorita` konvenuta hija fis-sens illi l-kazi li ghalihom ghamlu riferenza l-atturi, ghalkemm sehhew tassew, kienu rari u sporadici, u li s-servizz li nghata minn min inghata kien jaqa` fl-ambitu tad-diskrezzjoni li ghandha l-Awtorita` li tissorveljenza s-sigurta` u l-efficenzja tal-port.

L-atturi laqghu ghal din il-posizzjoni billi nvokaw l-applikazzjoni tal-principju tad-dritt : *lex specialis drogat lex generalis.*

Ghar-rigward tal-istat tad-dritt kif kien fid-data tal-presentata tar-rikors guramentat, din il-Qorti tghid illi in linea ta` principju mhux accettabbli li persuni mhux licenzjati bhala irmiggjaturi kienu awtorizzati minn ufficjali ta` l-Awtorita` konvenuta li jaghmlu xoghol ta` rmiggjaturi, anke jekk f`kazi eccezzjonali.  Ma hija felici propju xejn sitwazzjoni fejn, ghalkemm illum it-teknologija taghti firxa wiesgha hafna ta` modi kif isir kuntatt bejn il-persuni minn ponta ghal ohra tad-dinja, fil-portijiet Maltin l-irmiggjaturi ghadhom jahdmu b`sistema fejn iridu joqghodu jistennew li jigu avzati siegha qabel mill-Valletta Port dwar bastimenti li jkunu dehlin fil-port u li se jkollhom bzonn tas-servizzi taghhom. Li kieku jsir sforz ko-ordinat – li mhuwiex xi haga *"barra minn hawn"* – fl-uzu ta` sistemi moderni ta` komunikazzjoni zgur – mhux forsi – jigu evitati zbalji umani u dimentikanzi li mhumiex accettabbli fid-dinja tal-kummerc tal-lum – imbaghad fil-kummerc bil-bahar fejn il-heffa u allura servizz efficjenti u tajjeb huma prijorita`, jekk wiehed irid tassew li dan il-qasam jibqa`

kompetittiv u jiggenera l-gid ghall-*stakeholders* u ghall-pajjiz in generali.

Anke jekk is-suq illum huwa liberalizzat, il-Qorti hija tal-fehma illi ladarba ghadha tezisiti l-figura ta` *irmiggjatur licenzjat* fil-legislazzjoni vigenti, l-Awtorita` konvenuta m`ghandhiex toqghod lura u ma tiftahx applikazzjonijiet ghal min hu mhajjar jahdem bhala irmiggjatur. Kif lanqas ma ghandha toqghod lura milli tirrilaxxja licenzji lil persuni li jkunu kwalifikati.

Dan premess, il-Qorti trid tghid ukoll li ma ngabu l-ebda provi li l-Awtorita` konvenuta qeghda fir-realta` zzomm jew iccahhad persuni milli jottjenu licenzja ta` rmiggjatur. Hlief ghall-argument li tressaq illi n-numru ta` irmiggjaturi kien dejjem wiehed u ghoxrin (21) u llum in-numru nizel, ma ngabet l-ebda prova ohra li l-Awtorita` imponiet xi *numerus clausus.* Il-Qorti ma tistax teskludi *a priori* illi ma hemmx persuni li jew huma interessati jew kwalifikati.

Il-Qorti tghid illi ghalkemm *prima facie*, l-atturi kellhom ragun jiehdu din l-azzjoni tenut kont tal-istat tad-dritt kif kien fid-data tal-presentata tar-rikors guramentat, x`hin il-Qorti tqis il-provi li ngabu, issib illi l-incidenti lamentati u deskritti mill-atturi sehhew tassew f`cirkostanzi eccezzjonali u barra min-norma, meta l-atturi kienu jew impenjati band`ohra b`xoghol iehor, u minhabba zball jew dimentikanza tal-addetti tal-Awtorita` konvenuta, baqghu ma gewx avzati li kien hemm xoghol lest ghalihom.

Mhuwiex ragonevoli l-argument tal-atturi illi ghax huma ma ssejhux, kien ta` min kien it-tort, il-vapuri kien messhom thallew jistennewhom sakemm l-irmiggjaturi licenzjati jlestu x-xoghol li kienu mpenjati bih. Din l-atteggjament ta` *"closed shop"* illum huwa superat f`dinja fejn il-kompetitivita` hija mizurata bil-fatturi tal-heffa, tal-prezz u tal-kwalita` tas-servizz. Il-Qorti tifhem lill-atturi fil-

kaz tal-incidenti in kwistjoni. U tghid minghajr l-icken esitazzjoni li l-Awtorita` trid tbiddel ghall-ahjar mhux biss il-legislazzjoni izda u fuq kollox il-prattici tax-xoghol.

Fir-rigward tal-principju nvokat mill-atturi sabiex isostnu l-ewwel erba` talbiet taghhom, ossija il-principju ta` *lex specialis derogat lex generalis,* din il-Qorti mhijiex tal-fehma li dan ghandu jigi applikat fil-kaz odjern. Kif inghad ben tajjeb fis-sentenza ta` din il-Qorti (**PA/JRM**) tal-21 ta` Novembru 2002 fil-kawza "**Public Broadcasting Services Limited vs Awtorita` tax-Xandir**" :

"*Illi jekk wieħed jifli l-prinċipju ewlieni tad-Dritt Pubbliku dwar in-natura u l-funzjoni ta` liġi sussidjarja, isib li normalment din (a) għandha titqies li hija ħaġa waħda mal-liġi prinċipali li taħt is-setgħat tagħha hija maħruġa ; (b) li taqa` fil-limiti (jew parametri) ta` l-msemmija liġi prinċipali u ma tistax tmur lil hinn minnha (mingħajr ma taqa` fil-periklu li titqies bħala ultra vires) ; u (ċ) l-kliem u d-dispożizzjonijiet tagħha jitfissru kif imfissra fil-liġi ewlenija. Dawn il-prinċipji huma mħaddna lkoll fil-liġi tagħna wkoll fil-Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta` Malta."*

L-Avviz Legali 100 tal-2010 (u dawk li gew wara) kien introdott bis-sahha ta` ligijiet principali li jirregolaw il-portijiet u l-hwejjeg marittimi. L-ghan ewlieni ta` dak l-avviz legali - u ohrajn bhalu - kien intiz sabiex tkun salvagwardata l-efficjenza u s-sigurta` tas-servizzi portwali. Il-buon ordni fil-portijiet huwa ghan iehor li kellu jintlahaq bl-introduzzjoni ta` legislazzjoni sussidjarja bhall-Avviz Legali 100 tal-2010. Ghalhekk dak li jipprovdu d-disposizzjonijiet ta` avvizi legali ghandu jitqies dejjem fil-kuntest u l-ambitu ta` l-ligi principali.

Fil-Kap 499 tal-Ligijiet ta` Malta, jinghad illi l-Awtorita` konvenuta ghandha s-setgha li tirregola, tnehhi jew tordna li bastiment jitnehha minn xi rmigg, stazzjon jew ankragg lejn xi port iehor [Art 6(2)(k)]. Ghandha s-setgha li tordna fejn bastiment jista` jsorgi, jirmiggja jew

jankra[Art 6(2)(j)]. Ghandha wkoll is-setgha li tirregola l-moviment ta` bastimenti fil-portijiet u bejniethom jew fil-vicinanza ta` xi port jew fl-ibhra territorjali [Art 6(2)(l)].

Jidher car illi l-Awtorita` ghandha s-setgha tiddetermina x`ghandu jsir minn bastiment li qed jistenna li jidhol jew johrog mill-portijiet ta` Malta jew li jkun jinsabu fil-portijiet ta` Malta.

Skond l-Art 8 tal-Kap 499 hija l-Awtorita` li ghandha s-setgha li tirregola u tikkontrolla n-navigazzjoni fil-portijiet, li tipprovdi u li tizgura l-provvista ta` servizzi ta` rmigg lill-bastimenti.

Inoltre l-Awtorita` ghandha s-setgha li tipprovdi, izzomm, tizviluppa, ittejjeb u thaddem portijiet f`Malta u l-facilitajiet li jmorru maghhom, u li tipprovdi, izzomm u thaddem fihom u fil-vicinanzi taghhom servizzi u facilitajiet adatti u efficjenti li minn zmien ghal zmien jidhrulha mehtiega jew vantagguzi biex jahdmu tajjeb, bla perikolu u b` mod efficjenti [Art 8(e)].

L-Awtorita` ghandha wkoll is-setgha li tezercita kontroll shih dwar il-bon ordni fl-ibhra territorjali u interni ta` Malta, f`kull port u fl-art u fil-bahar li jkun qrib ta` kull port u fuq il-mollijiet [Art 8(j)].

L-applikazzjoni tal-assjem tad-dritt premess – u cioe` kemm id-disposizzjonijiet tal-ligi principali kif ukoll dawk tal-ligi sussidjarja – twassal lil din il-Qorti biex tghid illi <u>tenut ben kont tal-eccezzjonalita` tac-cirkostanzi, u ghalhekk biss,</u> l-Awtorita` konvenuta setghet tezercita d-diskrezzjoni taghha bil-mod kif ezercitatha.

Il-Qorti tirribadixxi illi <u>kif inhi l-ligi llum</u> mhuwiex aktar necessarju li x-xoghol ta` rmigg isir bilfors minn irmiggjatur

licenzjat u kwindi l-ewwel erba` talbiet attrici ma jistghux jintlaqghu tenut kont tal-mod kif kienu mpostati u dedotti. Infatti l-ligi kif inhi llum tippermetti li persuni illi mhumiex licenzjati bhala rmiggjaturi jaghtu servizz ta` rmiggjatur, kif ukoll huwa possibbli li l-Awtorita` konvenuta tippermetti terzi iwettqu xoghol ta` rmiggjatur minghajr ma jkunux licenzjati dment li jitqabbdu minn operatur ta` terminal.

Ghalkemm kif dedotti l-ewwel erba` talbiet ma jistghux jigu akkolti ghar-ragunijiet indikati, il-Qorti hija tal-fehma li ghandu jkun hemm temperament fil-kap tal-ispejjez.

**3) <u>Il-hames, is-sitt u s-seba` talbiet attrici</u>**

Accertat illi l-Awtorita` konvenuta hadet l-azzjoni illi dwarha lmentaw l-atturi f`kazi li kienu eccezzjoni ghan-norma, u accertat ukoll illi l-azzjoni tal-Awtorita` konvenuta, ghalkemm dettata minn cirkostanzi eccezzjonali, kienet *intra vires,* l-ahhar tliet talbiet attrici huma nsostenibbli u ghalhekk qeghdin jigu respinti.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi dwar it-talbiet u l-eccezzjonijiet kif dedotti fil-kawza tal-lum, billi tichad it-talbiet kollha tal-atturi.**

**Tordna li minhabba n-natura u c-cirkostanzi partikolari u specjali tal-kaz, l-ispejjez tal-kawza ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------